# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 3 ta' Gunju 2002**

**Numru 3**

**Avviz numru 2247/97mm**

**Middle Sea Insurance Company Limited u b'digriet tal-20 ta' Mejju, 2002, il kliem "Company Limited" gew sostitwiti bil-kliem "plc" kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Franco Portelli abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Franco Portelli**

**Vs**

**Ivan Vassallo**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fit-30 ta' Ottubru, 1997, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi jhallas is-somma

komplessiva ta' erba' mija u sebgha u erbghin lira Maltin u sittin centezmu  (Lm447.60) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti d-danni sofferti mill-atturi b'rizultat tal-kollizjoni li grat bejn il-vetturi KAO 646 u KAA 391, liema danni gew kawzati b'rizultat tal-kollizjoni li grat fil-31 ta' Mejju, 1997, fi Triq ir-Repubblika, Valletta, stante li l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut.

Bl-imghax legali mit-8 ta' Awissu, 1997, u bl-ispejjez inkluzi tal-konsult ammontanti ghal Lm10, tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Awissu, 1997, u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. Skond ma gie riferit lilu mill-assikurazzjoni Laferla Insurance Agency Limited, dina l-azzjoni giet istitwita bla bzonn b'mod vessatorju u intempestiv u dan ghaliex  minn qabel il-prezentata tal-avviz odjern, ir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici kienu rcevew l-impenn tal-imsemmija assikurazzjoni Laferla Insurance Agency Limited, illi huma kienu sejrin jaghmlu tajjeb appuntu ghad-danni meritu ta' din il-kawza.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u id-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi b'nota pprezentata fil-15 ta' Novembru, 2001, (Fol 52) is-socjeta' attrici cediet il-meritu, izda zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Fil-fatt il-kwistjoni kollha f'din il-kawza giet ridotta proprju ghal kwistjoni fejn il-konvenut, tramite s-socjeta' assikurazzjoni tieghu Laferla Insurance Agency Limited, qieghed jghid illi huwa kien avza tempestivament lis-socjeta' attrici illi kien ser jammetti r-responsabbilta' ghal dan l-incident u biex ma jkomplux sejrin bil-proceduri legali.

Min-naha l-ohra, s-socjeta' attrici tirrikonoxxi illi saret telefonata fis-27 ta' Ottubru, 1997, fejn rapprezentant ta' Laferla Insurance illi kienu ser jaghmlu tajjeb ghad-danni subiti mill-assikurat taghhom Ivan Vassallo, pero's-socjeta' attrici nsistiet illi din l-ammissjoni ssir bil-miktub. Meta ghaddew tlett ijiem u ma rcevew xejn, giet intavolata din il-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi illi gew prodotti, rrizulta illi s-socjeta' attrici l-ewwel ma kkomunikat mall-konvenut kien fl-Lulju, 1997, fejn baghtet ittra bonarja sabiex dan ta' l-ahhar ihallas id-danni. Din l-ittra tidher illi giet injorata u ghalhekk saret ittra ufficjali fit-8 ta' Awissu, 1997, illi

giet notifikata lis-socjeta' Laferla Insurance.  Tant huwa hekk  illi Henry Grech, Senior Claims Officer ma' din l-ahhar socjeta' kkonferma illi d-ditta minnu rapprezentata kienet irceviet kopja ta' l-Ittra Ufficjali.  L-istess jghid Charles Galea illi x'aktarx l-Ittra Ufficjali waslet l-ufficcju ghandhom fit-12 ta' Awissu.

Jidher pero' illi wara din id-data, ftit li xejn sar minn Laferla Insurance sabiex jikkomunikaw mas-socjeta' attrici u jinfurmawha illi kienu ser jammettu r-responsabbilta ta' dan l-incident.  Kien biss 27 ta' Ottubru, 1997, illi saret l-ewwel komunikazzjoni.  Henry Grech, a Fol 42 jghid testwalment, "Ghalhekk f'din id-data ghamilna zewg affarijiet, baghatna ghall-klijent u ikkomunikajna ma' England Insurance."

Il-Qorti jidhrilha illi Laferla Insurance damet wisq ma rreagixxiet ghall-ittra ta' Awissu, 1997.  Bejn Awissu u l-ahhar ta' Ottubru ghaddew kwazi xahrejn, f'liema zmien is-socjeta' Laferla setghet tibaghat ghall-klijent taghha u taghmel l-indagni necessarji sabiex tipprocessa dan il-*claim* qabel ma' waslet ghall-Qorti.

Min-naha l-ohra England Insurance qeghdin jinsistu illi filwaqt illi jikkonfermaaw li huma rcevew din it-telefonata fis-27 ta' Ottubru, 1997, insistew ma' Laferla Insurance Agency Limited sabiex konferma ta' dan issir bil-miktub anki permezz ta' *fax*.  Wara illi ghaddew tlett ijiem u din il-*fax* baqghet ma gietx, allura istitwew din il-kawza.

Laferla Insurance Agency Limited jghidu illi huma qatt ma rcevew xi talba sabiex il-konferma ssir bil-miktub.  L-istess jghid Charles

Galea, Claims Manager mal-kumpanija assikuratrici Laferla fejn a Fol 58 jghid illi saru zewg telefonati, wahda fis-27 ta' Ottubru, u l-ohra fit-3 ta' Novembru, 1997, fejn fil-prezenza ta' l-assikurat Ivan Vassallo kien kellem lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici fejn infurmahom illi kienu ser jammettu r-responsabbilta'.

Il-Qorti jidhrilha illi din l-ahhar telefonata zgur illi saret fil-mori ta' din il-kawza peress illi l-Avviz gie pprezentat fit-30 ta' Ottubru, 1997. Tibqa' l-kwistjoni illi din it-telefonata li saret fis-27 ta' Ottubru, 1997, kinitx bizzejjed biex izzom il-proceduri illis-socjeta' attrici kienet diga bihsiebha tressaq.  Bhalma diga nghad, l-Ittra Ufficjali saret fit-8 ta' Awissu, 1997, u li x'aktarx giet notifikata fit-12 ta' Awissu, 1997, (Ara Fol 58).

Is-socjeta' Laferla Insurance missa allura baghtet ghall-assikurat taghha immedjetament wara li rceviet l-Ittra Ufficjali u ma kellhiex ghalfejn tistenna sas-27 ta' Ottubru, 1997, biex taghmel dan. Bhalma jidher mill-atti, l-konvenut irrisponda mall-ewwel peress illi fit-3 ta' Novembru, 1997, kien diga ghand l-ufficini tas-socjeta' Laferla sabiex jammetti r-responsabilta' u jasal fi ftehim maghhom. Jekk allura l-konvenut irisponda fi ftit granet, seta' ghamel l-istess illi kieku rcieva komunika mis-socjeta' Laferla Insurance Agency Limited wara l-Ittra Ufficjali tat-12 ta' Awissu, 1997, haga li s-socjeta' Laferla ma ghamlitx u halliet hafna zmien jghaddi biex fl-ahhar s-socjeta' attrici qatghet qalbha milli tircievi l-pagament fi zmien utli.

Il-Qorti ma tara xejn hazin fl'agir tas-socjeta' attrici.  L-ewwel saret ittra bonarja, saret ukoll Ittra Ufficjali u kien biss xahrejn wara din l-Ittra Ufficjali illi bdew proceduri legali fill-Qorti.  Dan it-terminu huwa

wiehed ragonevoli mmens li fih is-socjeta' Laferla Insurance Agency Limited kellha z-zmien kollu biex tirreagixxi u tinforma lis-socjeta' attrici anki bil-miktub dwar l-ammissjoni tar-responsabbilta'.  Dan pero' ma ghamlitux u halliet biss ghall-ahhar tlett ijiem qabel il-prezentata ta' l-Avviz illi saret xi forma ta' komunikazzjoni illi dwara wkoll hemm kontroversja.  Ghal din il-kontroversja zgur illi ma tahtix is-socjeta' attrici, illi kif gia nghad imxiet bil-prudenza kollha sakemm istiwiet din il-kawza fit-30 ta' Ottubru, 1997.

It-trapass ta' zmien illi s-socjeta' Laferla Insurance hadet sabiex ikkomunikat mas-socjeta' attrici zgur ma kienx tort ta' din ta' l-ahhar.

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-meritu stante n-Nota ta' Cessjoni tal-15 ta' Novembru, 2001, tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez ta' din il-kawza bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz.

Anthony Zammit

Dep. Reg.